Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 117/2018

Il-Pulizija

Vs

Steven Joe Gafa'

Illum 24 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Steven Joe Gafa' detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 538985M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fis-17 ta' Jannar 2015, ghall-habta ta' 16:50hrs waqt li kien qieghed fl-inhawi ta' Selmun limiti tal-Mellieha:

1. Kien qieghed jikkaccja, jiehu jew jipprova jiehu b'kull mezz xi ghasfur minghajr ma kellu licenzja mahruga f'ismu mid-Direttur jew mill-Kummissarju tal-Pulizija ghall-insib tal-Melvizz;
2. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u jew munizzjon jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar minghajr ma kellu licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija;

3. Akkuzat ukoll talli sar recediv b'sentenzi moghtija lilu quddiem il-Qorti tal-Magistrati Dr. A. J. Vella LL.D. fl-20 ta' Gunju 2012, 15 ta' Jannar 2015;

4. Il-Qorti hija mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 tal-A. L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-corpus delicti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet tal-Pulizija, ghall-perjodu applikabbli taht l-A. L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, kif ukoll kull licenzja mahruga taht il-Kap 480 ai termini tal-Art 57 tal-Kap 480.

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-7 ta' Marzu, 2018, fejn il-Qorti wara li rat ir-Regolament 12(1) ta' l-A. L. 79/2006 hekk kif emendat L. S. 504.71 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 5(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta;

Din il-Qorti sabet lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi kif dedotti mill-Prosekuzzjoni u kkundannatu b'multa ta' elfejn ewro (€2,000), revoka permanenti tal-licenzji u kif ukoll ordnat il-konfiska tal-ezebiti.

Il-Qorti fissret fi kliem car, il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Steven Joe Gafa', ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-16 ta' Marzu, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka s-sentenza appellata fl-ismijiet il-Pulizija vs Steven Joe Gafa' datata 7 ta' Marzu 2018 billi tillibera lill-appellanti mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u fin-nuqqas tapplika piena inqas onoruza.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Steven Joe Gafa' huma s-segwenti u cioe`:-

1. Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti tal-kaz u dan peress illi hija sabet htija fil-konfront tal-appellanti u cioe` illi l-appellanti nhar

is-17 ta' Jannar 2015 ghal habta ta' 16.50 fl-inhawi ta' Selmun Limiti tal-Mellieha kien qed jikkaccja minghajr licenzja mahruga f'ismu. Illi irrizulta illi effettivament l-appellanti ma kienx qed jikkaccja izda huwa kien prezenti f'dawk l-inhawi wara li Brian Behag kien talbu sabiex jghaddi ghalih u jwasslu lura d-dar. Illi filfatt fis-seduta tas-7 ta' Marzu 2018 PS 103, PC 106 u PC 1438 li dakinhar kienu fuq il-post ilkoll xehdu **<u>"illi huma ma rawx lil Steven Joe Gafa jikkaccja"</u>** tant illi l-istess ufficjali tal-pulizija ezekuttiva xehdu illi huma ltaqghu mal-persuna ta' Steven Joe Gafa u Brian Behag waqt li dawn kienu sejrin lura lejn il-vettura tal-appellanti u cioe' Pajero bin-numru ta' registrazzjoni AAB 002. Illi l-imputat Brian Behag xehed ukoll f'dawn il-proceduri fejn stqarr u spjega lill-ewwel Onorabbli Qorti illi huwa kellu zewg armi tan-nar peress illi huwa kien ghadu kif xtara l-arma tal-marka 80AS/N11/14180 u li hadu mieghu sabiex jippruvah. Illi wkoll Brian Behag jghid illi l-istess arma kienet qed tqabbez u cioe' ma kinitx qed tiffunzjona sew u ma kinitx zgur tajba ghall-kacca tant illi huwa kien qed jikkaccja bl-arma tan-nar li s-soltu juza.

2. Illi l-appellanti xehed u stqarr li huwa mar biss fuq il-post wara li siehbu Brian Behag kien infurmah u talbu sabiex jghaddi ghalih u jwasslu lura d-dar. Illi fil-fatt b'mod pacifiku bejn il-prosekuzzjoni u difiza gie stabbilit illi l-ufficjali tal-Pulizija sabu a) lil appellanti u Brian Behag sejrin lura lejn il-vettura tal-appellanti b) bl-armi tan-nar gewwa l-pockets relattivi taghhom liema fatti ghalhekk jindikaw b'mod car illi f'dak il-hin l-unika haga li appellanti kien qed jaghmel kien dak li jaghti daqqa t'id lil siehbu Brian Behag igorr l-affarijiet lura fil-vettura u mhux kif iddecidiet l-ewwel Onorabbli Qorti u cioe' li appellanti kien qed jikkaccja. B'kull dovut rispett ma tressqet l-ebda prova illi effettivament tindika lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni illi Steven Joe Gafa kien qed jikkaccja u speċifikament ghal Melvizz izda jirrizulta ampjament fil-grad tal-probabbilità illi Steven Joe Gafa' ma kienx qed jikkaccja u dan il-fatt huwa ampjament pruvat mhux biss mill-verzjoni moghtija minn Brian Behag izda wkoll mill-fatti kif gew deskritti mill-ufficjali tal-pulizija li kienu fuq il-

post u ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta sabet il-htija tal-appellanti fl-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

3. Illi t-tieni aggravju jikkonsisti ghal dak li ghandu x'jaqsam mar-recediva u cioe' illi l-appellanti sar recediv b'sentenzi moghtija quddiem il-Qorti tal-Magistrati preseduta minn Dr. A. Vella datati 20 ta' Gunju 2012 u 15 ta' Jannar 2015 fejn l-Onorabbli Qorti ukoll sabet il-htija ta' din l-akkuza fil-konfront tal-appellanti u dan minkejja l-fatt illi din l-akkuza ma tista' qatt tissussisti u dan peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli ggib l-ahjar prova u cioe' is-sentenzi hawn indikati. Ghalhekk isegwi illi gjaladarba ma hemmx il-prova tar-recediva permezz taz-zewg sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-konfront tal-appellanti ghalhekk l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma setghet issib lill-imputat hati tar-recediva.

4. Salv aggravji ohra.

Semghet lill-partijiet jittrattw il-kaz u dan fis-seduta tal-11 ta' Dicembru, 2018 fejn l-istess partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrtat.

Rat l-affiavit ta' **PS 1030 Clinton Theuma** esebit fl-atti ta' din il-kawza fejn spjega li nhar is-17 ta' Jannar 2015 ghall-habta tal-14.50 p.m huwa flimkien ma PC 1438 u PC 106 kienu qedin jghamlu ronda fl-inhawi ta' Selmun vicin il-Barraacks kien hemm persuna mixja li dan kif ra l-vettura li kienu fiha ghamel sinjal biex ikellimha u qalilhom li ftit 'l boghod minn hemm kien hemm vettura bin-numru tar-registrazzjoni AAB-002 tal-ghamla Pajero kif ukoll kien hemm xi persuni li kienu ghal-kacca u bdew jghamlu uzu minn birdcaller tal-Pespus. Qalilhom ukoll li xtaq jibqa' anonimu u li r-rapport li kien qed jghamel kellu jibqa' kunfidenzjali.

Huma ghalhekk marru fil-post li gie indikat lilhom fejn il-vettua pparkjata pero' ma kien hemm hadd vicin taghha. Komplew bil-mixi fejn wara li nizlu fl-ghelieqi li hemm

wara 'l barracks ta' Selmun innotaw erba' persuni maskili li kellhom senter u skratac f'idejhom.

Wara li gew vverifikati d-dettalji irrizulta li wiehed minnhom certu Steven Joe Gafá ma kellux licenzja biex johrog ghall-kacca fuqu kif ukoll is-senter li kien ghal-kacca bih tal-marka ATA/S?N11/14180 ma kienx tieghu izda kien sselfu minghadn siehbu Brian Behag li kien hemm prezenti wkoll li kien ghall-kacca b'senter tal-ghamla ATas/n 12/d09344. Benhag qal li kien sellef is-senter tieghu lill-appellant pero' kien hemm kollox regolari u bil-permessi mehtiega.

Huwa ghalhekk kien ta' zmien xieraq lil-appellant biex jipprovdilhom kopja tal-licenzja tieghu sabiex tigi verifikata.

Wara li ghadda certu zmien nhar il-21 ta Jannar 2015 ghamel kuntatt mieghu fejn staqsieh jekk kienx mar bil-permessi l-ghassa kif kien ordnalu pero' dan kien wiegbu li ma kienx mar ghax ma kellux cans u qallu li dawn ma kienux affarijiet tac-cajt u imbaghad qallu li l-licenzja tieghu ma kientix imhallsa u mgedda u ghalhekk kien mar jikkaccja bla licenzja. L-appellant wara mar l-ghassa u ha mieghu l-affarijeit li kollha gew konfiskati u inharget ricevuta bin-numru 4697[1].

Fis-seduta tat-13 ta' Settembru, 2018 ix-xhud xehed in kontro esami fejn dan ikkonferma li lill-appellant ma rahx jikkaccja izda rah miexi b'senter fil-pocket f'idejh flimkien ma tlett persuni ohra fosthom Benhag. Mistoqsi jekk rax lill-appellant jikkaccja jghid li ma rahx. Qal li l-appellant ma kellux licenzja ghall-kacca fuqu. Jghid li huma kienu mixjin lejn karozza tal-ghamla Pajero. L-arma li kienet f'idejn l-appellant kienet f'isem Benhag li kien mieghu fuq l-post. Mistoqsi jekk rax xi *bird caller* ighid li ma sabx *bird caller* minkejja li ghamlu tfittxija ghaliha.

[1] Kopja tal -ircevuta esebta a fol. 8

**PC 106 C. Abela** xehed ukoll bil-procedura tal-affidavit ikkonferma dak li kien qal PS 1030 Tabone u zied ighid li rrizultalu li l-appellant kien mar ghall-kacca b'senter ta' habib tieghu Brian Benhag li ukoll kien fuq il-post mal-appellant fejn qal li kemm l-appellant kif ukoll Benhag stqarru li kollox kien regolari sabiex l-apellant juza is-senter ta' Benhag.

Jghid li fuq il-post kienu waqfuhom persuna li xtaq jibqa' anonimu u tkellem mas-surgent. Ikkonferma li l-erbgha min nies li ra dakinhar kienu kollha mixjin hadd minnhom ma kien qed jikkaccja pero' kollha kellhom senter fil-pocket f'idejhiom

**PC 1438 E. Zerafa** kkonferma dak li qalu PS 1030 Tabone u PC 106 C Abela fl-affidavit taghhom pero' jghid ukoll li l-persuna li xtaqet tibqa' anonima qaltilhom li kien hemm vettura bin-numru ta' registrazzjoni AAB 002 u li probabilment sidha flimkien ma erbgha persuni ohra kienu hemmhekk b' bird caller tal-psiepes.

Dan jghid pero' li marru fuq il-post indikat lilhom u meta dawn l-erbgha persuni (u mhux hamsa) rawhom dawn resqu lejhom u qalulhom li kienu sejrin lejn id-dar.

Huma ghalhekk ghamlu investigazzjoni fuq il-post u rrizulta li Brian Benhag kellu zewgt isnieter registrati fuq ismu u wiehed minnhom kien qed juzah hu waqt li l-iehor kien qed jintuza mill-appellant. Benhag qallu ukoll li kien silfu lill-appellant ghaliex kellu ll-licenzja relattiva. Jghid li Gafá ikkonferma dak li qal Benhag pero' qalilhom li licenzja fuqu ma kellux. Komplew jghamlu tfittxija ghal bird caller izda ma sabu xejn minn dan.

Jghid ukoll li l-appellant kellu jiehu kopja tal-licenzja l-ghassa pero' baqa' ma ghamel xejn minn dan.

In kontro esami nhar l-11 ta' Dicembru, 2018 jghid il-persuna li waqfithom kienet qaltilhom li kienet qed tisma *bird caller* pero' huma ghamlu tfittiija ghaliha u ma sabuhiex. Mistoqsi jekk l-appellant qalilhomx jekk kienx qed jikkacja jew le jghid li ma jiftakarx. Lill-appellant rah mixi biss bis-senter fil-pocket f'idejh. Kienu shabu li qalu li kienu ghall-kacca.

**WPC 276 Marygrace Farrugia** ikkonfermat li l-appellant ma ghandux licenjza bix jikkaccja pero' kkonfermat id-dokument esebit fl-atti a fol. 24 fejn hemm imnizzla l-

erba' armi li l-appellant jista' igorr ghall-uzu tal-kacca minkejja li jidher li tnejn minn dawn l-armi huma mitlufa.

**Brian Benhag** xehed seduta stante u kkonferma li huwa kien mar jikkaccja ma shabu gewwa Selmun. Dan kien fl-ahhar jum tas-season tal-kacca tas-sena 2015. Kien sar il-hin biex jitilqu 'l hemm u cemplu lill-appellant biex imur ghalihom. Huma u mixjin lejn il-karozza iltaqghu mal-pulizija u waqfuhom. Jghid li huma kellhom is-snieter f'idejhom fil-pocket u wiehed minn tieghu kien f'idejn l-appellant ghaliex kien talbu biex izommulu. Jghid li dakinhar huwa kellu zewg snieter mieghu wiehed minnhom kien tajjeb u l-iehor le. Lil pulizija kien qalilhom li huma kienu ghall-kacca pero' b'dan ried ifisser li huma t-tileta kienu qed jikkaccjaw u mhux l-appellant ghaliex dak kien mar jigborhom biss. Jghid li ma kienx hdejn l-appellant meta dawn kienu qed ikellmuh.

Rat id-dokumenti esebiti fosthom il-fedina penali tal-appellant u minn esami ta' l-istess jirrizulta li l-appellant kien gja instab hati tar-reati li ghandhom x'jaqsmu mal-kacca fi tlett okkazjonijiet ohra.

Ikkunsidrat.

Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-**

**Pulizija vs. Raymond Psaila et**.[2]"; "**Ir-Republika ta' Malta vs. George Azzopardi**[3]"; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[4]"; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[5]" u ohrajn .)

Issa ghalhekk f'dan il-kaz x'inhuma l- provi li resqet l-prosekuzzjoni u dan qed jinghad ghaliex l-appellant kif kellu kull dritt ma xehdx ghalkemm ressaq lil Brian Benhag jixhed in difiza tieghu.

L-ufficcjali tal-puliijza li xehdu u cioe' PS 1030 Tabone, PC 1438 Zerafa u PC 106 Abela kollha jghidu li kienu qed ighamlu ronda fl-inhawi ta' Selmun meta gew imwaqfa minn pesuna li xtaqet tibqa' anonima fejn gew mgharfa li fl-ekwati kien qed jisma '*bird caller'* tal-psiepes u li kien hemm erbat' irgiel b'karozza qed jikkacacaw. Huma ghalhekk marru fil-post indikat lilhom u sabu vettura tal-ghamla Pajero numru ta' registrazzjoni AAB 002 pero' vicin taghha ma kien hemm hadd. Jghidu li fit-triq pero' raw erbat irgiel mixjin b'senter f'idejhom fil-pocket. Huma waqfu lil dawn l-irgiel u dawn allegatament stqarrew li kienu ghal-kacca. Ma jirrizultax minn minn dawn l-irgiel qal dan. Mistoqsija jekk rawx lill-appellant jew del resto lill-ohrajn jikkaccaw ilkoll ighidu li le u lanqas il *bird caller* ma sabu minkejja li ghamlu tfittxija ghaliha. Mistoqsija jekk l-appellant ammettiex maghhom li kien qed jikkacca hadd minnhom ma qal iva.

Il-pulizija jghidu wkoll li huma ghamlu investigazzjoni fuq il-post u irrizulta li l-appellant ma kellux licenzja biex jikkaccja minkejja li qalilhom li kellu licenzja u li kien intrabat li johodha l-ghassa, dan baqa' inadempjenti. Jirrizulta ukoll li s-senter li kellu f' idejh l-appellant kien ta' Brian Benhag.

Brian Benhag ighid li huma kienu marru jikkaccaw bis-snieter taghhom u huwa kellu tnejn wiehed kien sew sew u l-iehor le. Meta kienu lesti cempel lill-appellant u talbu biex imur ghalihom u kien ghalhekk li l-appellant kien maghhom. Jispjega wkoll li is-

[2] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar ilt-12 ta Mejju 1994

[3] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar l-14 ta Frar 1989

[4] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar il- 31 ta Mejju, 1991

[5] Deciza mill-Qorti tal Appell Kriminali nhar il- 31 ta Mejju, 1991

senter li kellu f'idejh l-appellant kien tieghu u kien talbu biex igorrulu. Pero' jenfasizza li dan kien fil-pocket. Mistoqsi jekk l-appellant f'xi hin ikkaccjax ighid li le u li kien mar hemm biex jigborhom biss.

Il-Pulizija ighidu pero' li l-appellant kien fost l-erba' minn nies li qalulhom li kienu qed jikkaccaw.

Illi din il-Qorti tirrileva li l-prosekuzjzoni trid tressaq l-ahjar prova lil hin minn kul dubbju dettat mir-raguni u li l-appellant ma irid jipprova xejn in difesa tieghu. Ghalhekk jghid li bis-sahha tax- xhieda ta' Benhag jirrizulta bic-car li in effetti fl-ebda hin ma huwa kkaccja u bix-xhieda tieghu inghatat spjegazzjoni ghalfejn huwa kien fuq il-post. Hadd ma ra lill-appellant jikkacca u l-armar li suppost kienu qed jikkaccaw bih u cioe' il-*bird caller* ma instabx minkejja li kienu tlett pulizija li ghamlu t-tifittxija fl-istess post li gie indikat lilhom mill-persuna anonima.

Illi ghalhekk dwar l-ewwel akkuza u cioe' li l-appellant ittanta jikkaccja jew li ipprova jiehu b'kull mezz xi ghasfur minghajr ma kellu licenzja mahruga mill-Kummissarju tal- Pulizija, il- proskeuzzjoni kellha tipprova fl-ewwel lok li l-appellant kien qed jikkaccja u fit-tieni lok li kien qed jghamel hekk meta ma kellux licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija. Fil-fehma tal-Qorti l-akkuza li l-appellant kien qed jikkaccja ma gietx provata bl-ahjar mod u ghalhekk ma tirrizultax.

Dwar it-tieni akkuza l-prosekuzzjoni kelha tipprova mhux biss li l-appellant kellu f'idejgh arma ucioe senter izda li dan kien f'idejgh ghal skop uniku u cioe' ghall-kacca. Dwar dan jinghad li hadd mill-pulizija ma raw lill-appellant jikkaccja u fil-fatt l-persua anonina ukoll indikat li effettivament kien qed isir insib bil-bird caller u mhux kacca u in oltre Benhag jaghti spjegazzjoni ghalfejn l-appellant kellu fil-pusess tieghu arma u cioe senter. Benhag jghid li dan is-senter huwa proprjeta' tieghu u kien talab lill-appellant izommulu waqt li kien fil-pocket u kienu miexjin lejn il-karozza u l-appellant hekk ghamel waqt li Benhag kellu arma ohra f'idejh.

Dwar it-tielet akkuza u cioe' dik tar- recidiva din ma tirrizultax u dan ghaliex una volta l-akkuzi principali ma jirizultawx l-akkuza tar-recidiva ma tistax tirrizulta in a vacuum.

Ghalhekk fid-dawl tas-suespost jinghad li din il-Qorti qed tilqa' l-appell tal-appellant u qeda tirrevoka is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti b'dan illi qed tillibera lill-appellant minn kul imputazzjoni u piena.

Oltre dan, qeda wkoll tirrevoka l-ordni moghtija mill-ewwel Qorti fejn ordnat ir-revoka permanenti tal-licenzja tal-kacca tal-appellant.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur